IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum il-21 t'Awwissu, 2024

Rikors numru: BCT/32/2024

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng(Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Mauro Magro

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' rikors, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, l-appellanti ikkontestat id-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 29 ta' Mejju, 2024 li permezz taghha giet imposta l-penali amministrativa billi kien hemm "*nuqqas ta' mizuri jew mizuri mhux xwierqa sabiex tigi limitata l-emissjoni ta' trab; nuqqas ta' gheluq taz-zona fejn qed isir ix-xoghol b'materjal li jimblokka l-hrug ta' trab gjaladarba dan l-agir jikkostitwixxi ksur tar-Regolamenti tal-ligi Sussidjarja 623.08*".

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghal dak sottomess, l-esponenti Awtorita` ser tkun qieghda tressaq dawk il-provi necessarji in sostenn tad-decizjoni taghha;*

3. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda tal-Perit Kyle Vella waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju meta l-appellanti iddikjara li m'ghandux aktar provi xi jressaq.

Sema' x-xhieda ta' Nick Grima watq is-seduta tas-17 ta' Lulju, 2024 meta l-Awtorita` wkoll iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci u l-kawża tħalliet għas-senteza għal-llum.

Ikkunsidra

Illi huwa car li l-appell odjern jirrigwardja penali amministrativa imposta in vista ta' nuqqas da parti tal-appellanti li jara li jkun hemm mizuri xierqa sabiex tigi limitata l-emissjoni tat-trab u wkoll nuqqas ta' gheluq taz-zona li jwaqqaf il-hrug ta' trab u dana kif mehtieg mil-LS 623.08.

Il-LS 623.08 tipprovdi diversi drabi dwar il-htiega li jjkun hemm fuq is-sit mizuri necessarji li jillimitaw l-emissjoni ta' trab imma wkoll gheluq jew stakkat li jimblokka effettivament il-hrig tat-trab minn fuq l-istess sit (f'dan is-sens, fost ohrajn, reg 3).

Illi bhala prova ghal dak li nstab fuq is-sit, l-Awtorita` ressqet mhux biss ix-xhieda tal-ufficjal taghha imma wkoll ritratti ta' dak li l-ufficjal sab fuq is-sit. L-ufficjali xehed is-segwenti:

> "*Nghid illi x'hin wasalt sibt it-triq miksija bit-trab u kien hemm ukoll il-haddiema barranin li kienu wkoll mimlijin trab u fil-fatt jien hadt xi ritratti wkoll.*"

Kompla jghid ukoll li huwa gibed l-attenzjoni tas-sidien:

> "*li ma setghux jahdmu b'dan i-mod u dan peress li kienu qed ihammgu kullimkien, itajjru t-trab u jokkupaw il-bankini*".

Huwa kkonferma wkoll li l-*hoovers* kienu qed jahdmu imma xorta wahda jghid li t-triq kienet mimlija trabbijiet b'referenza ghar-ritratti li gew ezebiti. Fil-fatt, mir-ritratti ezebiti jirrizulta ampjament car li t-trab isfar kien qed johrog mis-sit u jigi depozitat fit-triq, b'mod partikulari fuq il-bankina.

Illi in difiza tal-posizzjoni tieghu l-appellanti prezenta r-rapport tal-Perit Kyle Vella u ressaq ukoll ix-xhieda tieghu. Permezz tar-rapport, il-Perit jikkonferma li "*limestone dust is localized directly below the facade (photo 6) (if the vacuum was not in use the dust particles would have gone airborne) and the same dust was being removed at the end of the day by means of a shovel and broom*". Fix-xhieda tieghu huwa jikkonferma li "*l-klijent kien qed juza cherry picker bil-vacuum kif semmejt, imma nghid li dan il-vacuum mhux infallibbli, imma nghid li fl-ahhar tal-gurnata kien isir it-tindif necessarju.* (…) *Meta mort fuq is-sit jien innutajt ftit trab illi kien waqa' fit-triq u nnutajt ukill li c-cherry picker u l-vacuum utilizzata skont ir-ritratti*".

Illi madanakollu, tenut kont ta' dak li jirrizulta ampjament car imqar mir-ritratti ezebiti kemm mill-Awtorita` u kif ukoll ikkonfermati mill-perit tekniku tal-appellanti, it-Tribunal ma jistax ma jsibx li l-appellanti kjarament naqsu milli jzommu fis-sehh mizuri intizi li jwaqqfu l-hrug ta' trab ghal fuq it-triq kif mehtieg mil-ligi u dana ghaliex it-trab li jidher fir-ritratti taht il-faccata, fuq il-bankini u li bih jidher prattikament mghotti il-haddiem, imur certament lilhinn minn dak il-margini ta' trab li jkun normalment koncepibbli anke b'mizuri imposti fuq is-sit skont kif trid il-ligi. Fi kliem semplici, huwa car li, sabiex jaqa' dak l-ammont ta' trab tal-gebla tal-franka fit-triq u fuq il-bankina, ma kienx hemm proprju fis-sehh mizuri sufficjenti li mhux biss jimminimizzaw l-emmissjoni ta' trabijiet imma wkoll jeskludu li dawn jaqghu fit-triq kif trid il-ligi.

Illi kemm permezz tar-rikors tieghu u wkoll tar-rapport peritali, l-appellanti jikkontendi li peress li "*the property is on top of a series of third party ground floor garages, thus this excludes the option of erecting a scaffolding with a net along the facade, as it would prevent third parties from accessing their property*" (rapport tal-Perit Vella). F'tali rigward issir

referenza proprju ghar-Reg 4 u 5 tar-LS 623.08 li, fir-rigward ta' "*xogħolijiet li jestendu 'l barra, jew jaffetwaw il-perimetru ta' madwar s-sit*" jehtiegu moghdija koperta li ghandha "*titħalla ħielsa minn kwalunkwe materjal jew oġġetti oħra li jistgħu jkunu ta' ostakolu jew ifixklu l-aċċess liberu l-ħin kollu għall-persuni li jkunu għaddejjin bil-mixi.*" Il-Legizlatur huwa ghalhekk ben konxju anke tal-ezistenza ta' *scaffolding* li jippermetti lil min jghaddi minn tahtu jew anke jaccedi ghall-proprjeta` sottostanti is-sit li fih ikunu qed isiru x-xogholijiet. Huwa car li l-uzu ta' semplici *cherry picker* ghal xogholijiet estensivi ta' brix u xkatlar tal-faccatat mhuwiex mezz idoneju skont il-ligi sabiex isir tali xoghol minghajr emissjoni ta' trab u kwindi minghajr inkonvenjent serju lill-pubbliku oltre l-impatt viziv. Huwa l-istess Perit Vella li jammetti li l-*vacuum* m'humiex infallibbli imma ghat-Tribunal, li ra r-ritratti tas-sitwazzjoni li l-ufficjal sab fit-triq u fuq il-bankina, huwa car li tali soluzzjoni mhux biss ma kenitx infallibbli imma ma kenitx wahda tajba biex tlahhaq mal-volum ta' trab li kien qed jigi prodott.

L-appellanti stess allura kien tenut li jara li l-apparat utilizzat minnu kien tali li seta' jlahhaq mal-hmieg u t-trab li kien qed jipproduci u kwindi li jirregola x-xoghol tieghu konformement mal-obbligi tieghu legali. Huwa car li f'dan il-kaz, dan ma sarx tant illi huwa l-appellanti stess li jikkonferma li kien qed isir xoghol ta' grif fuq il-faccata minghajr ebda ilqugh, stekkat jew mizuri idoneji minkejja l-ammont konsiderevoli ta' trab prodott.

Decide

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn indikati, it-Tribunal qed jichad l-appell u kwindi jikkonferma d-decizjoni datata 29 ta' Mejju, 2024.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sersero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru